MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru. 129/2013

**Artikoli 17, 23, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 281 u 533 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**KYLE PACE**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KYLE PACE**, ta’ 24 sena iben Martin u Josephine xebba Cumbo, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Awwissu, 1988 u residenti Aphelandra, Triq il-Farfett tal-Fejgel, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 388188(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’xi hin fix-xhur ta’ Novembru u Dicembru, 2012 u Jannar, 2013 gewwa l-istabiliment Warehouse Outlet li jinsab Triq Luigi Ellul, H’Attard:

1. Ikkommetta serq ta’ hwejjeg u ta’ flus liema serq huwa ta’ izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta’ Leonard Cassar, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. RJ1, fedina penali li hi mmarkata bhala Dok. RJ2 u stqarrija li hi mmarkata bhala Dok. RJ3.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Jonathan Ransley, Leonard Cassar, WPS 61 Maria Cuschieri, PC 731 Keith Vella, Ezekiel Saliba u Roxanne Psaila.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 2 ta' Mejju, 2014.

Illi fit-2 ta' Mejju, 2014 il-kawza kienet giet differita ghas-6 ta' Gunju, 2014 ghall-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-1 ta' Ottubru, 2013 li dawn l-istess artikoli gew moqrija fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2014. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2014 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sitta (6) ta’ Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ rega’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta (6) ta’ Gunju, 2014.

Il-Qorti rat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda relattivament nadifa salv ghal zewg kontravenzjonijiet registrati fis-sena 2010 fejn inghata R&A u ammenda ta’ €47.

Semghet lill-imputat jghid li huwa llum ghandu mpjieg fiss u b’mod regolari u li jiddispjacih tal-incident.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw illi jaqblu li l-imputat jinghata Ordni ta’ Probation u in vista ta’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taqbel maghhom.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 17, 23, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 281 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat KYLE PACE hati tal-akkuzi tiddeciedi li tpoggieh taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum skond l-ordni annessa.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Avukat Generali sabiex tapplika l-provvediment 533 tal-Kapitolu 9 peress illi ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti f'din il-kawza.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-ordni ta' Probation.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**KYLE PACE**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 1 ta' Lulju, 2014**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata ta' 24 sena iben Martin u Josephine xebba Cumbo, imwieled Pieta' fit-22 ta' Awwissu, 1988 u residenti Aphelandra, Triq il-Farfett tal-Fejgel, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 388188(M) **tigi mpoggija taht Ordni ta'**

**Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ Probation lill-persuna mputata, inkluz il-htigijiet mizjuda skond is-sub artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-istess persuna mputata uriet li trid thares il-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lill-persuna mputata titqieghed taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa’ izzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond id-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lill-Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata;

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services.**

……………………………..

**……………………………..**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------